MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa b'Urgenza Numru 15.1

**It-Tnejn, 9 ta' Marzu, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku nforma lill-membri lis-Sur Gianluca Falzon jinsab rikoverat d-dar minħabba nċident li kellu.

## 15.1.1 Diżgrazzja li seħħet fit-2 ta' Marzu 2020

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand Dott. Carabott, is-Sur Joe Vella u s-Sa Courtney Farrugia sabiex issr laqgħa b'urġenza b'referenza għad-diżgrazzja fatali li seħħet fil-Ħamrun. Kopja tal-komunikat jinsab anness bħala Dok. 1.

Is-Sindku informa lill-membri li

(i) fejn jidħlu permessi għall-iżvilupp, il-Kunsill Lokali jirċievi notifika mill-Awtorita' tal-Ippjanar bid-dettalji tal-permessi li jkunu ħarġu;
(ii) il-Kunsill mhux dejjem ikun notifikat għaliex jista' jagħti l-każ li l-konfini jkunu f'lokalitajiet oħra bħal ma kien ġara fil-każ tal-proġetti li ġew ippjanti fl-Imrieħel u anke f'dan il-każ, irriżulta Triq Antonio Miruzzi kienet qed tidher skorrettament li hija konfini Ħamrun.
(iii) Il-proġetti u l-iżvilupp jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Building Regulation Office (BRO).
(iv) Dan l-istess żvilupp ikun imħares mill-OHSA (Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta)

Wara diskussjoni bejn il-membri s-Sindku qal li fl-aħħar snin il-lokalita' ta' Santa Venera inħakmet minn proġetti kbar.

Is-Sur Joe Vella ġibed l-attenzjoni li fuq il-mini ta' Santa Venera qed isir xogħol ta' skavar u għaldaqstant staqsa jekk hux qed isir rapport ġeoloġiku qabel ma jingħataw il-permessi.

Wara diskussjoni l-Membri qablu sabiex issir pressjoni mal-Awtorita tal-Iippjanar sabiex ikun rivedut is-Central Local Plan. Apparti minhekk tintalab li ssir laqgħa informattiva konġunta mal-OHS u l-BRO fil-25 ta' Mejju fis-6:30pm.

Il-laqgħa intemmet fil-5:15 pm sine die

| | |
|---|---|
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati, illum 6 t' April, 2020